# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM L-20 TA' MEJJU 2019**

**Kawża Numru: 12**

**Rik. Ġur. 288/2016 RGM**

**DJRL Dance Limited (C37882)**
**u**
**Dominic Micallef (K.I. 140181M)**

**vs.**

**Trends Limited (C-29440)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` attrici** pprezentat fit-8 t'April, 2016 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Premess illi is-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex tesegwixxi, inter alia, xoghol ta' paviment ta' "recycled plastic decking"

fl-istabbiliment li hija ghandha fil-limiti ta' San Gwann, bl-isem "ARIA COMPLEX".

2. Premess illi is-socjeta` konvenuta accettat l-inkarigu lilha fdat u ghaldaqstant hija esegwiet l-istess inkarigu billi provdiet il-materjal u installat l-art in kwistjoni fl-istess stabbiliment tas-socjeta` attrici.

3. Premess illi ghal dan il-paviment biss kellha tithallas is-somma ta' €190,220.

4. Premess illi ma kienx hemm ebda qbil partikolari dwar il-metodu ta' pagament ghajr ghall-fatt li ma kienx sejjer jithallas kollu f'daqqa u ghalhekk, wara li kien ghadda certu zmien mill-installazzjoni, fuq talba tas-socjeta` konvenuta u sabiex tigi evitata kawza, fl-20 ta' Awwissu 2013, s-socjeta` attrici, u Dominic Micallef personalment bhala garanti solidali mal-istess socjeta` attrici, iffirmaw kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu mas-socjeta` konvenuta fl-atti tan-nutar Liza Schembri, li permezz tieghu s-socjeta` attrici iddikkjarat ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont hemm indikat ta' mitejn sitta u sittin elf mitejn u disa' u erbghin Euro u tmien centezmi (€266,249.08), li kellhom jigu imhallsa bil-modalita` imnizzla fl-istess kuntratt u bid-dekadenza tad-dritt ta' pagamenti rateali tal-istess somma f'kaz ta' nuqqas ta' pagament ta' zewg rati jew ammont ekwivalenti u dan skond ma jirrizulta aktar dettaljatament mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u markat bhala Dokument "A".

5. Premess illi is-socjeta` attrici, minhabba ragunijiet varji, ma ottemperatx ruhha mat-termini tal-kuntratt pubbliku imsemmi u ghalhekk is-socjeta` konvenuta irrendiet l-istess kuntratt titolu esekuttiv permezz tal-ittra ufficcjali tal-23 ta' Dicembru 2015 li giet debitament notifikata lis-socjeta` attrici u lill-garanti taghha.

6. Premess illi sussegwentement ghall-installazzjoni ta' dan ix-xoghol fl-istabbiliment fuq imsemmi, sviluppaw difetti serji fil-paviment/decking u minhabba f'hekk is-socjeta` attrici inkarigat lill-perit Mario Casssar sabiex jezamina l-istess paviment u jaghmel l-osservazjonijiet tieghu bil-miktub in konnessjoni mal-istess.

7. Premess illi il-perit Mario Cassar espleta l-inkarigu lilu fdat u fil-13 ta' Novembru 2015 huwa irrilaxxja ir-rapport tieghu, li kopja ta' l-istess tinsab hawn annessa u markata bhala Dokument "B", li minnha jirrizulta, fil-parti konkluziva tieghu, inter alia, testwalment hekk "*illi t-tip ta' decking utilizzat f'dan il-lok, ma hux adattat ghal temperaturi*

*gholja..........illi l-istess decking qieghed jipprezenta periklu ghal min jaghmel uzu minnu........ma intuzat l-ebda proprietary system biex gie stallat l-istess decking (*b'dan illi*)* ***l-esponenti huwa tal-fehma illi ma hemmx soluzzjoni ghal dan hlief illi jinbidel id-decking kollu b'decking ta' kwalita` tajba, adattata ghall-ambjent specifiku u jigi imqieghed skond is-sengha u l-arti***" – enfazi mizjuda.

8. Premess illi s-socjeta` attrici, ghalhekk, iffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu fuq imsemmi fuq premessa zbaljata u cioe fit-twemmin illi ix-xoghol kollu ezegwit mis-socjeta konvenuta kien ta' kwalita` tajba, skond kif kien pattwit li kellu jigi ezegwit, izda irrizulta li dak li jikkoncerna il-paviment (decking) kien xoghol skadenti u ta' kwalita` daqstant inferjuri illi ma hux tajjeb u adegwat ghall-iskop li inxtara u gie installat.

9. Premess illi ghal dak ix-xoghol li huwa tajjeb is-socjeta` konvenuta tinsab pjenament imhallsa izda ghal dan ix-xoghol ta' paviment il-prezz mitlub kien ta' €190,220 li minnu is-socjeta attrici hallset, sa issa, akkont, is-somma ta' €78,636.03.

10. Premess ghalhekk illi, in kwantu jirrigwarda il-paviment/decking in kwistjoni, mhux biss ma ghad hemm ebda ammont x'jigi imhallas lis-socjeta` konvenuta ai termini tal-fuq citat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, izda is-socjeta` konvenuta ghandha tigi ordnata biex tirrifondi lura dak l-ammont sa issa imhallas lilha u inoltre tersaq ukoll ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kagonati lis-socjeta` attrici minhabba l-indempjenza taghha.

11. Premess illi s-socjeta` attrici thoss li ma ghandhiex thallas xejn izjed in kwantu jirrigwarda id-decking lis-socjeta` konvenuta ghax il-volonta` tad-dirigenti tas-socjeta` attrici ittiehdet hazin, fuq bazi illecita u kontra il-ligi u ghalhekk ghandha id-dritt li tikkontesta il-proceduri inkorsi kontra taghha kif ukoll tikkontesta il-validita` tal-istess kostituzzjoni ta' debitu

12. Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija il-provvedimenti kollha opportuni ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tordna is-sospenjoni immedjata ta' kwalsiasi procedura ulterjuri ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess kuntratt hawn fuq imsemmi, [2] tiddikkjara minghajr effett l-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fil-23 ta' Dicembru 2015 [3] tiddikkjara, jekk hemm bzonn permezz tan-nomina ta' perit, illi l-materjal provdut u x-xoghol esegwit mis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-paviment/decking tal-imsemmi stabbiliment, fuq inkarigu u fl-interess tas-socjeta` attrici, mhux biss m'huwiex ta' kwalita` tajba, izda huwa ta'

kwalita` daqstant inferjuri li mhux tajjeb ghall-iskop li gie installat u jrid jinqala' kollu kemm hu u jitnehha, [4] tiddikkjara konsegwentement illi l-kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-nutar Dottor Liza Schembri fl-20 ta' Awwissu 2013, fuq riferita, hija nulla u bla ebda validita` legali billi giet mehuda fuq premessi infondati [5] tiddikkjara, konsegwentement illi s-socjeta` attrici ma ghandhiex thallas ghall-prezz rappresentanti il-paviment/decking in kwistjoni fl-ammont bilancjali fuq imsemmi ta' €190,220 [6] tordna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi il-pagament ta' tmienja u sebghin elf sitt mija sitta u tletin Euro u tlett centezmi (€78,636,03) lilha sa issa imhallsa mis-socjeta` attrici bhala l-pagament effettwat sallum ai termini tal-kuntratt riferut, riferibilment ghall-paviment/decking, flimkien mal-imghax relattiv mid-data tal-pagament sad-data tal-istess rifuzjoni [7] tordna lis-socjeta` konvenuta tnehhi il-materjal minnha installat ghar-riskju u spejjes taghha u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi inehhuh huma a riskju u spejjes tas-socjeta`konvenuta, jekk hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' perit imqabbad mill-Qorti [8] tiddikkjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni li sofriet u qed issofri s-socjeta` attrici, minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat – kollox skond ma intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici u bl-ispejjes kontra is-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha."

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta** pprezentata fis-6 ta' Mejju, 2016 fejn jinghad kif gej:

"Teċċepixxi riverentement u bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw Joseph Abela (karta ta' l-identita' numru 107665 M) u Maria Regina Abela (karta ta' l-identita' numru 233368M) :

1. Preliminarjament, it-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi dwar il-materjal provdut, ir-rikorrenti iddekadew mid-dritt ta' l-azzjoni skond l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Preliminarjament ukoll, ir-raba' talba attriċi rigward il-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu hija preskritta skond l-artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili.

3. Illi it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-decking huwa ta' kwalita' tajba u t-tqegħid tiegħu sar skond is-sengħa u l-arti u r-rapport peritali mressaq mir-rikorrenti mar-rikors ġuramentat

tagħhom huwa żbaljat kemm fil-konstatazzjonijiet tiegħu kif ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu. Għaldaqstant it-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

4. Illi t-talbiet atttriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-materjal provdut huwa ta' kwalita' tajba u x-xogħol sar taħt is-superviżjoni u istruzzjoni tal-perit arkitett tar-rikorrenti, u għalhekk it-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Illi subordinatament għall-ewwel erba' eċċezzjonijiet, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li bl-aġir tagħhom ir-rikorrenti ma ħadux ħsieb tad-decking wara li tlesta x-xogħol.

6. Illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 t'Awissu, 2013 bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' intimata sar madwar għaxar xhur wara li tlesta x-xogħol u sar validament skond il-liġi. L-ittra uffiċċjali mibgħuta mis-soċjeta' intimata lir-rikorrenti fit-23 ta' Diċembru, 2015 hija wkoll valida skond il-liġi. Għalhekk it-talbiet rikorrenti fir-rigward tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u ta' l-imsemmija ittra ufficcjali, u ċioe' l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

7. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni".

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta pprezentata fit-23 ta' Jannar 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici pprezentata fil-31 ta' Jannar 2019 limitatament dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta' konvenuta;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta' konvenuta waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-imsemmija l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta li permezz taghhom qieghda teccepixxi li t-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba' talba tas-socjeta attrici dwar il-materjal provdut, l-atturi iddekadew mid-dritt tal-azzjoni skont l-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16, kif ukoll illi li r-raba' talba attrici dwar il-kuntratt pubbliku hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kapitolu 16.

**Provi**

Fix-xhieda tieghu moghtija fl-udjenzi tal-24 ta' Ottubru 2015[1] u tas-7 ta' Novembru 2016[2] **Joseph Abela, direttur manigerjali tas-socjeta' konvenuta** ghal dawn l-ahhar hamsa u tletin sena, spjega l-pagamenti akkont li s-socjeta' konvenuta irceviet minghand is-socjeta' attrici. Ipprezenta numru ta' statements rilaxxjati mill-bank minn fejn jirrizulta numru ta' depoziti. Jghid li "Dawn huma kopja ta' cekkijiet li jien ircevejt m'ghand Dominic u DJRL Limited u fuq dawn ma jkunx hemm min tahomlok, pero' jien dejjem thallast tax-xoghol li ghamilt fuq il-post...........Dejjem ghax-xoghol li hdimna fl-Aria Club."

"Dr Lorna Mifsud Cachia: Sewwa. Fir-rigwarrd tax-xoghol illi dwaru nfethet din il-kawza, naqblu?

Xhud: Mhux hekk. Mhux hekk."

[...]

Dr Lorna Mifsud Cachia: Ghalxi[e]x kien jghidlek, fil-fatt?

Xhud: Ghax-xoghol li hdimna ...........

Dr Lorna Mifsud Cachia: Jigifieri,li x-xoghol li ghamiltu, mertu ta' din il-kawza sewwa, dan ukoll dawn il-bank drafts kienu rapprezentanti hlasijiet ghal dan ix-xoghol?

Xhud: U zgur.

Dr Joseph Schembri: Ix-xhud tieghek Dottoressa.

[1] Fol. 36A
[2] Fol. 42

Dr Lorna Mifsud Cachia: All right, meta skuzani. Mela, dak il-bank drafts, ghall-liema xoghol kienu jkopru?

Xhud: Id-drafts kienu jkopru ghax-xoghol ta' decking u, aw, tax-xoghol li ghamilna fuq il-post u!

Imhallef: U x-xoghol ghamiltu? Spjegali

[...]
Xhud: Xoghol li ghamilna ta' decking, pavimentar ta' art, u ghamilna ghamara wkoll ghall-barijiet.

[...]

Dr Joseph Schembri: Tista' tamplifika, jekk joghgbok, ix-xoghol fhiex kien jikkonsisti?"

Ix-xhud kompla jispjega illi x-xoghol kien jikkonsisti in parti f'decking u in parti ghamara "Ghall-bars, minn fejn jesebixxu x-xorb u hekk".

[...]

"Xhud: Ahna ghamilna zewg tipi ta' xogholijiet.....Ghamilna d-decking, ghamilna iktar minn zewg tipi, imma parti minnhom id-decking biex ksejna l-pavimentar tal-art barra l-livell, plus l-ghamara li kellu dejjem bzonn. Issa mbaghad, ovvjament, x-xogholijiet.

Fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2016 rega' xhed Joseph Abela .[3] Mistoqsi jekk erba' pagamenti ta' €20,000 il-wiehed kienux saru fir-rigward tax-xoghol tad-decking jew fir-rigward ta' xoghol iehor jirrispondi: "Ghall-plastic decking plus ghax-xoghol l-iehor ukoll..." Imbaghad jghaddi biex jispecifika li dawk kienu ghax-xoghol tad-decking ghaliex l-attur Dominic Micallef kien jghidlu sabiex jaqta l-pagament akkont mill-ammont dovut fir-rigward tad-decking ghal ragunijiet fiskali.

**Dominic Micallef, attur u direttur manigerjali tas-socjeta' attrici,** xhed bil-mezz ta' affidavit.[4] Jibda t-testimonjanza tieghu hekk:-

"Il-kumpanija tieghi ghamlet ordni ta' diversi xogholijiet mas-socjeta' konvenuta u il-kont tela ghal ammont pjuttost sostanzjali, kwazi

[3] Fol. 21 tal-process tar-rikors revoka 820/16RGM
[4] Fol 30 tal-process tar-rikors revoka 820/16RGM

kwart ta' miljun Euro. Il-kumpanija tieghi kienet giet mitluba, u jien qbilt, li jigi ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u hekk sar.

Wara li gie firmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bdew isiru il-pagamenti.

Il-kont li dwaru sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien jirriferixxi ghax-xoghol kollu u ghall-materjali kollu li kien gie fornit u cioe kemm ghall-paviment li dwaru hemm il-kawza kif ukoll ghall-ghamara li installa li dwarha ma hemm ebda problema.

Jiena skoprejt li il-paviment li gie ordnat minghand Trends Limited u minnha installat sviluppa difett serju u ghalhekk qabbadt lill-perit Mario Cassar u dan gie fuq il-post u wara lestili rapport li esebejt kopja tieghu mac-citazzjoni.

Meta rajt li l-perit ikkonkluda li dan il-paviment ma setax bl-ebda mod jigi irrangat ma kelliex triq ohra ghajr li nwaqqaf il-pagamenti akkont li kont qed naghmel u niftah din il-kawza."

L-atturi ezebew mar-rikors guramentat kopja tar-**rapport tal-Perit Mario Cassar** minnhom inkarigat "sabiex jaghmel rapport tekniku dwar difetti li zviluppaw fid-decking li kien installat fil-kumpless 'Aria'................."[5]. Fir-rapport tekniku tieghu l-Perit Cassar iddikjara *inter alia* illi l-materjal uzat mis-socjeta' konvenuta ghad-decking "ma hux adekwat ghat-temperaturi gholja"; "Illi l-ebda sistema ta' edging ma giet applikata bejn interface u ohra. Illi l-istess decking ma giex maqtuh skont is-sengha u l-arti fit-truf tieghu"; "Illi t-tqeghid tal-istess planki tad-decking ma gewx imqeghda skond parametri ta' pattern stabbilit li jikkonstitwixxu stallar skont is-sengha u l-arti"; "Illi l-istess decking jesebixxi nuqqas ta' invellar, li jimmanifesta ruhu f'dizlivellli varji, anke fejn suppost l-istess decking kellu jkun orizontali u invell"; "Huwa evidenti illi d-distanza perpendikulari bejn planka u ohra ma hijiex uniformi, u bi probabilita din hija rizultat ta' stallar mhux skond kif specifikat fl-istess sistema ta' decking, jew f'espansjoni rregolari tal-istess"; "Illi gie nnotat illi certa planki, u specifikament tal-kulur abjad jesebixxu qsim, illi huwa wisq frekwenti biex jikkonstitwixxi illi dan inqasam accidentalment"; "Illi fl-intier tieghu il-materjal u l-istallar tal-istess ma humiex ta' kwalita' tajba, u ma inghatax kaz ta' dettaljar skond is-sengha u l-arti"; "Illi t-tip ta' decking utilizzat f'dan il-lok, ma hux adattat ghal temperaturi gholja"; "Ma ntuzat l-ebda *proprietary system* biex gie stallat l-istess decking".

[5] Fol. 7

Jikkonkludi r-rapport tieghu billi juri l-fehma illi l-unika soluzzjoni hija li d-decking jinqala kollu u jigi rimpjazzat b'decking ta' kwalita' tajba, adattata ghall-ambjent specifiku u jigi mqieghed skond is-sengha u l-arti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Permezz tal-kawza odjerna l-atturi qed jitolbu *inter alia* illi din il-Qorti '[3] tiddikjara, jekk hemm bzonn permezz tan-nomina ta' perit, illi l-materjal provdut u x-xoghol esegwit mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-paviment/decking tal-imsemmi stabbiliment, fuq inkarigu u fl-interess tas-socjeta' attrici, mhux biss m'huwiex ta' kwalita' tajba, izda huwa ta' kwalita' daqstant inferjuri li mhux tajjeb ghall-iskop li gie installat u jrid jinqala' kollu kemm hu u jitnehha;' Fil-premessi taghhom l-atturi jippremettu fost l-ohrajn illi: "1. Premess illi is-socjeta' attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tesegwixxi, inter alia, xoghol ta' pavimentar ta' "recycled plastic decking" fl-istabbiliment li hija ghandha fil-limiti ta' San Gwann, bl-isem "ARIA COMPLEX". 2. Premess illi is-socjeta' konvenuta accettat l-inkarigu lilha fdat u ghaldaqstant hija esegwiet l-istess inkarigu billi provdiet il-materjal u installat l-art in kwistjoni fl-istess stabbiliment tas-socjeta' attrici."

Fil-**kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu** tal-**20 ta' Awissu 2013** il-partijiet ippremettew is-segwenti:-

'Il-partijiet jippremettu li d-debitur inkariga lill-kreditur sabiex jesegwixxi xogholijiet fl-istabbiliment li id-debitur jiggestixxi .......fil-limiti ta' San Gwann u l-ammont ta' xogholijiet, inkluz il-provvista ta' materjal prima ghall-ezekuzzjoni tal-istess...........'.

Fil-fehma tal-Qorti jirrizulta bl-aktar mod sodisfacenti illi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' xogholijiet inkluz il-fornitura tal-materjal mehtieg li s-socjeta' attrici obbligat ruhha li tezegwixxi u li kellha tiehu hsieb li tforni il-materjal kollu necessarju sabiex tezegwixxi l-inkarigu lilha moghti u minnha accettat minghand is-socjeta' attrici.. Fil-hames talba l-atturi qed jitolbu lill-Qorti '[5] tiddikjara konsegwentement illi s-socjeta' attrici ma ghandiex thallas ghall-prezz rapprezentanti il-paviment/decking in kwistjoni fl-ammont bilancjali fuq imsemmi ta' €190,220'. ......[8] tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni li sofriet u qed issofri s-socjeta' attrici, minhabba inadempjenza tas-socjeta konvenuta, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat...."

L-atturi jitolbu wkoll ir-rifuzzjoni tas-somma ta' €78,636.03 gia' mhallsa akkont lis-socjeta' konvenuta oltre li jitolbu it-tnehhija tal-materjal installat.

F'ittra rilaxxjata fit-22 ta' Ottubru 2014 mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[6] u indirizzata lis-socjeta' attrici jinghad fost l-ohrajn illi "....directions given to Trends Ltd....for invoices issued to your company in connection with supply and installation of decking ..........This procedure is to be followed on the capital expenditure related to the above mentioned contracted works................The Commissioner for Revenue is to be notified in the event that contracted works will carry on beyond........................"

Fir-risposta mahlufa taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi illi "...d-decking huwa ta' kwalita' tajba u t-tqeghid tieghu sar skond is-sengha u l-arti..." [ tielet eccezzjoni] u li "....l-materjal provdut huwa ta' kwalita' tajba u x-xoghol sar taht is-supervizjoni u istruzzjoni tal-perit arkitett tar-rikorrenti...".

**Artikolu 1633 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu qed iserrah is-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha jipprovdi illi "Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal."

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April 2013 fl-ismijiet "**Carmel Bartolo vs Elesolar Company Limited**":-

"Illi għalhekk, biex wieħed jagħraf jekk negozju partikolari huwiex appalt inkella bejgħ, jidher li l-kriterji distintivi huma l-prevalenza tal-parti tax-xogħol mogħti fuq l-aspett tal-materjal fornit, b'mod li l-parti "di fare" tkun l-aktar f'idejn l-appaltatur u t-tmexxija tkun b'riskju tiegħu. Dawn il-kriterji għandhom joħorġu mir-rieda tal-partijiet imdaħħla fin-negozju partikolari li jkun. Meta, imbagħad, il-ħaġa li tintalab titwettaq ma tkunx sempliċi għażla ta' oġġett li minnu l-appaltatur iwettaq fil-produzzjoni ordinarja tiegħu, dak in-negozju ma jibqax aktar wieħed ta' bejgħ, imma jieħu x-xeħta kollha ta' kuntratt ta' appalt;

Illi kieku l-Qorti kellha tqis l-azzjoni attriċi f'din il-kawża li għandha quddiemha, issib li l-attur espressament bniha fuq il-kuntratt tal-appalt u mhux fuq il-kwestjoni tan-nuqqas ta' konsenja ta' ħaġa li m'hijiex tal-

[6] Fol. 90

kwalita’ miftehma. Għalkemm l-użu ta’ ċerti espressjonijiet jista’ jagħti ħjiel ta’ azzjoni taħt il-kuntratt ta’ xiri-u-bejgħ, wieħed ma jistax jinjora x’qiegħed jitlob l-attur f’din il-kawża . Huwa qed issejjes l-azzjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta’ twettiq xieraq tal-appalt min-naħa tal-appaltatur.................... Ir-rimedji mitluba huma wkoll rimedji li l-liġi tagħti lill-appaltant f’każ ta’ nuqqas ta’ twettiq. Kemm hu hekk, meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista’ tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta’ min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta’ obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jżomm kelmtu u li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel u, f’każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista’ jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas , liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment. .............."

Il-mertu ta' kawza huwa cirkoskritt mill-premessi u t-talbiet attrici. Kif rajna sew fil-premessi kif ukoll fit-talbiet attrici l-atturi jirreferu ripetutament ghax-xogholijiet li huma inkarigaw lis-socjeta' konvenuta tezegwixx. Kif rajna wkoll mix-xhieda imressqa, il-partijiet jirreferu ghax-xogholijiet li kellha tezegwixxi s-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta' attrici, inkluz il-fornitura tal-materjal. Il-partijiet ma jitkellmux fuq bejgh. Ezaminati l-provi mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi bejn il-partijiet mhux kuntratt ta' bejgh kien hemm izda kuntratt ta' appalt. Li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija wahda naxxenti minn kuntratt ta' appalt hija altru milli evidenti mix-xhieda imressqa s'issa. It-talba principali tal-atturi hija li l-Qorti tiddikjara illi x-xogholijiet maghmula u l-materjal provdut mhumiex ta' kwalita' tajba. L-atturi qed jitolbu inter alia li d-decking jinqala' kollu filwaqt li jigi dikjarat mhux biss li l-atturi m'ghandhomx ihallsu lill-konvenuta izda wkoll li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli versu l-atturi ghad-danni konsegwenzjali.

Fil-fehma tal-Qorti il-ftehim milhuq bejn is-socjetajiet partijiet f'din il-kawza dwar ix-xogholijiet li kellhom isiru mis-socjeta' attrici jikkostitwixxi appalt u mhux bejgh ta' materjal. Ix-xoghol ta' tqeghid ta' pavimentar/decking kien jifforma parti minn xogholijiet ohra formanti dan l-appalt. Il-fatt li zmien wara li x-xogholijiet kienu lesti il-partijiet ftehmu li jersqu fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitur ma jvarjax in-natura tar-relazzjoni kontrattwali ta' bejn il-partijiet. Ghall-kuntrarju l-kuntratt ta' kosituzzjoni ta' debitu jikkonferma il-kuntratt gia' ezistenti bejn il-partijiet. Difatti fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat fl-20 ta' Awissu 2013 il-partijiet jippremettu li gej:-

"Il-partijiet jippremettu li id-debitur inkariga lill-kreditur sabiex jesegwilu xogholijiet fl-istabbiliment li id-debitur jiggestixxi u cioe' il-club maghruf bhlaa "Aria Club" li jinsab fil-limiti ta' San Gwann u l-ammont ta' xogholijiet, inkluz il-provvista tal-materja prima ghall-ezekuzzjoni tal-istess xoghol, eskluz l-element tal-VAT jammonta ghas-somma globali ta' mitejn u erbghajn elf hames mija tlieta u tmenin Ewro sebgha u disghin centezmu (€242,583.97)..............." ( sottolinear tal-Qorti).

**L-EWWEL ECCEZZJONI**.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-**artikolu 1431 tal-Kap. 16** fir-rigward tat-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici "dwar il-materjal provdut".

Permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta' konvenuta bhal donnu qed tiddistingwi bejn il-materjal provdut ghad-decking u x-xoghol ta' tqeghid u installazzjoni tad-decking. Il-Qorti qed tifhem illi l-konvenut qed jeccepixxi illi l-pretensjonijiet tal-atturi fir-rigward tal-materjal fornut hi preskritta filwaqt li baqa' sieket fir-rigwarrd tal-pretensjonijiet attrici fir-rigward tax-xogholijiet konsistenti fit-tqeghid tal-istess decking. L-atturi ma talbux biss dikjarzzjoni gudizzjarja li l-materjal provdut mhux ta' kwalita' tajba, izda wkoll li x-xoghol ezegwit ma hux ta' kwalita' tajba. Kif rajna il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien wiehed li jikkomprendi sew il-fornitura tad-decking kif ukoll it-tqeghid u l-installazzjoni tieghu. Tant il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien wiehed li jikkomprendi sew it-tqeghid kif ukoll il-fornitura tad-decking illi ma gie ezebiet l-ebda dokument li jitratta it-tqeghid u l-fornitura tad-decking b'mod separat; jew li jindika prezz ghat-tqeghid u prezz ghall-fornitura tal-materjal. Il-partijiet ftehmu prezz wiehed li jikkomprendi l-installazzjoni ta' decking inkluz il-fornitura tal-materjal mehtieg. Ma jistax ghalhekk il-konvenut jissepara l-pretensjoni tal-atturi fir-rigward tat-tqeghid tad-decking minn mal-pretensjoni tal-atturi fir-rigward tat-tqeghid tal-istess.

**Artikolu 1431 tal-Kodici Civili:-**

"(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta’ sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta’ sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta’ jkun li hu jikxef dak id-difett."

Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 1431 tal-Kap. 12 ma hux applikabbli ghall-kawza odjerna ghaliex jirreferi ghall-bejgh ta' mobbli jew immobbli u mhux ghal xogholijiet li jinkludu l-fornitura ta' materjal. Il-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet "**Anne Bonello vs David Mallia**" moghtija fis-6 ta' Mejju 2019 taqbel perfettament mal-fattispecie tal-kawza odjerna:-

"Illi minn ezami ta’ l-att tac-citazzjoni – partikolarment il-premessi – ghandu jirrizulta kjarament li ta’ bilhaqq l-azzjoni attrici hija impernjata fuq appalt. Hija kawza bbazata fuq kuntratt ta’ appalt u ghall-fini ta’ perjodu preskrittiv japplika allura l-Artikolu 2156 (f) – dak jigifieri ta’ hames snin u dan il-perjodu jibda jiddekorri minn dakinhar li azzjoni ta’ din ix-xorta setghet tigi ezercitata. Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara “Scicluna vs Tracey”, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u “Caruana vs Runza”, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta` Mejju, 1999)."

L-artikolu 1431 tal-Kap. 12 li fuqu sejjes l-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut jirreferi ghall-preskrizzjoni applikabbli ghall-kompro-vendita u mhux ghal appalt. Fil-fehma tal-Qorti il-kawza odjerna la hi l-azzjoni redibitorja u lanqas l-azzjoni stimatorja imma kif rajna hija azzjoni dwar allegazzjoni li xoghlijiet maghmula mill-konvenut fuq inkarigu tas-socjeta' attrici saru hazin. L-azzjoni attrici hija essenzjalment kawza ghad-danni kontrattwali naxxenti minn allegazzjoni li x-xoghol u l-materjal ma fornut ma humiex ta' kwalita' tajba kif ukoll ghal kundanna ta' rifuzzjoni tal-pagamenti li saru akkont.

Mehud in konsiderazzjoni l-premess il-Qorti qed tiddeciedi illi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 12 eccepita mis-socjeta' konvenuta ma hiex applikabbli ghall-mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

**IT-TIENI ECCEZZJONI**.

Permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi illi "ir-raba' talba attrici rigward il-kuntratt pubbliku ta'

kostituzzjoni ta' debitu hija preskritta skond l-artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili.

**Artikolu 1222 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi:-

1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.

(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.

Ta' relevanza ghal kaz odjern huwa wkoll l-**Artikolu 1223** li jaqra hekk:

(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' egħmil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.

(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.

Permezz tar-raba' talba l-atturi qed jitolbu lill-Qorti:-

"[4] tiddikjara konsegwentement illi l-kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-nutar Dottor Liza Schembri fl-20 ta' Awwissu 2013, fuq riferita, hija nulla u bla ebda validita' legali billi giet mehuda fuq premessi infondati;"

***Dies Scientiae***

Dwar l-artikolu 1222 kellha dan xi tghid il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **John Grech vs. Ivan Mifsud** (Cit Nru 1476/01) moghtija fis-26 ta' Frar 2007:

" Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett. Il-preskrizzjoni ta' sentejn jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz."

[...]

"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni jinkombu fuqu l-provi, liema provi jridu jkunu univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-

pretensjonijiet tieghu. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha. Il-preskrizzjoni ghandu jkollha interpretazzjoni restrittiva. Id-data trid tigi stabbilita b'mod car, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eccezzjoni."[7]

- *Minn meta jibda jiddekorri t-terminu ta' sentejn?*

Issir referenza ghas-sentenza **Maria Agius vs Josephine Schembri et** moghtija mill-Prima' Awla tal-Qorti Civili fit-23 t'April 2009-

"Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti. Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz."

**Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li: "Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz….. interdizzjoni jew nuqqas ta' eta` …. tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz … mill-jum li fih jinkixef id-difett. ….U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni."

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Adrian de Haan vs George Whelpdale et** deciza fil-31 ta' Lulju, 1996 irriteniet li t-termini ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha. Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitament accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament.

Ikkunsidrat;

---

[7] Ghal gabra ta' gurisprudenza ohra ara **Mariosa Bonavia et vs. Brian Grima** (Cit Nru 711/12MH) deciza fid-29 ta' Novembru 2017.

Meta tigi eccepita l-preskrizzjoni jew id-dekadenza, id-data trid tigi stabbilita b'mod car u l-oneru ta' tali prova jaqa' fuq il-konvenut li jkun eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta. Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci** deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 mill-Prim'Awla talQorti Civili inghad: "Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad leccezzjoni."

L-attur Dominic Micallef xhed illi meta huwa skopra li d-decking kien qed jizviluppa difett serju huwa inkariga lill-Perit Mario Cassar:

"Jiena skoprejt li il-paviment li gie ordnat minghand Trends Limited u minnha installat sviluppa difett serju u ghalhekk qabbadt lill-perit Mario Cassar u dan gie fuq il-post u wara lestili rapport li esebejt kopja tieghu mac-citazzjoni.

Meta rajt li l-perit ikkonkluda li dan il-paviment ma setax bl-ebda mod jigi irrangat ma kelliex triq ohra ghajr li nwaqqaf il-pagamenti akkont li kont qed naghmel u niftah din il-kawza."[8]

Il-Perit Mario Cassar xhed fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2016 u kkonferma rapport tekniku ezebit in atti a fol 7 tal-process fejn jinghad illi huwa gie inkarigat minn Dominic Micallef sabiex jaghmel rapport tekniku dwar id-difetti li zviluppaw fid-decking li kien installat fl-Aria complex l-Iklin u li in adempiment tal-inkarigu moghti lilu huwa zamm access fil-5 ta' Gunju 2015. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Il-Perit Cassar lesta r-rapport tieghu fit-13 ta' Novembru 2015. Il-Qorti qed tikkonkludi illi l-atturi kixfu id-difett fit-termini tal-Artikolu 1223 tal-Kap. 16 fil-5 ta' Gunju 2015.

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-atturi kienu jafu bl-allegati difetti minn qabel il-5 ta' Gunju 2015 ma ngabet l-ebda prova fir-rigward da parti tal-konvenut. Kien jinkombi fuq il-konvenut illi jressaq provi sodisfacenti fir-rigward. L-atti juru mod iehor. Ghaldaqstant il-Qorti qed tistabbilixxi d-*dies scientiae* bhala l-5 ta' Gunju 2015. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-8 ta' April 2016 u cioe' entro t-terminu ta' sentejn stabbilit fl-artikolu 1222 tal-Kap. 16.

[8] Fol. 30

Konsegwentement it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi respinta.

**Kap tal-ispejjez.**

Ai termini tal-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 il-Qorti ssib illi ghall-ispejjez ta' din is-sentenza in parte ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi tichadhom.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**